ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 132

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 56

16 ta' Mejju 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi l-proċedura għall-AIFMs li jagħżlu li jipparteċipaw skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza ta' AIFM mhux mill-UE skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ........ 3

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 449/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 6

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 450/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi d-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Mejju 2013 ........ 8

**Prezz: EUR 3**

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 521/12/COL tad-19 ta' Diċembru 2012 biex tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-għajnuna mill-Istat mibdija bid-Deċiżjoni Nru 363/11/COL fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat lil tliet banek ta' investiment tal-Islanda permezz ta' self skedat mill-ġdid b'termini preferenzjali (L-Islanda)** ................. 11

---

**Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 447/2013

## tal-15 ta' Mejju 2013

## li jistabbilixxi l-proċedura għall-AIFMs li jagħżlu li jipparteċipaw skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattament dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 [1] u (UE) Nru 1095/2010, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2011/61/UE, il-maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFMs) li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(2) ta' dik id-Direttiva jistgħu jagħżlu li jipparteċipaw skont din biex jibbenefikaw mid-drittijiet mogħtija. Jekk jipparteċipa, AIFM isir soġġett għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2011/61/UE kollha kemm hi.

(2) Id-Direttiva 2011/61/UE tipprovdi għal proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-AIFMs. Id-dokumenti u l-informazzjoni li għandhom ikunu provduti taħt dik il-proċedura joffru d-dettalji neċessarji lill-AIFM li jagħmel it-talba u għaldaqstant għandhom jintużaw l-istess dokumenti u proċedura fil-każ ta' parteċipazzjoni. Ma hemm ebda raġuni speċifika partikolari għall-parteċipazzjoni li tiġġustifika l-użu ta' proċedura differenti minn dik applikabbli għall-AIFMs li għandhom assi mmaniġġjati ogħla mil-livelli massimi previsti fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE. Konsegwentement, l-AIFMs li jagħżlu li jipparteċipaw skont id-Direttiva 2011/61/UE għandhom isegwu l-istess proċedura bħal dik stabbilita għall-AIFMs li huma obbligati jiksbu awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2011/61/UE.

(3) L-AIFMs li għandhom id-dritt li jipparteċipaw huma AIFMs li diġà kienu jew irreġistrati skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/61/UE jew li kienu awtorizzati bħala kumpaniji ta' mmaniġġjar ta' impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli skont id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) [2]. Ikun xieraq li jiġi evitat rapportar doppju u li jkunu kkunsidrati d-dokumenti u l-informazzjoni diġà ppreżentati mill-AIFMs lill-awtoritajiet kompetenti matul il-proċeduri ta' reġistrazzjoni u awtorizzazzjoni, sakemm dawk id-dokumenti jkunu aġġornati.

(4) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw it-talba ta' parteċipazzjoni u jagħtu l-awtorizzazzjoni f'dak ir-rigward bl-istess kundizzjonijiet u billi jsegwu l-istess proċedura bħal fil-każ ta' AIFMs b'assi mmaniġġjati taħt il-livelli minimi rilevanti stipulati fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE.

(5) Huwa importanti li jiġi ċċarat li r-relazzjoni bejn il-proċedura għal dawk l-AIFMs li jagħżlu li jipparteċipaw u r-revoka ta' awtorizzazzjoni mogħtija lill-AIFMs skont id-Direttiva 2011/61/UE. AIFM li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2011/61/UE li l-assi mmaniġġjati minnu sussegwentement jaqgħu taħt il-livelli minimi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE jibqa' awtorizzat u soġġett għall-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva kollha kemm hi sakemm ma tiġix irrevokata l-awtorizzazjoni. Ir-revoka tal-awtorizzazzjoni ma għandhiex tiskatta b'mod awtomatiku minħabba waqgħa tal-assi mmaniġġjati ta' AIFM awtorizzat taħt il-livell minimu relevanti, iżda biss fuq it-talba tal-AIFM. Konsegwentement, ma għandux ikun possibbli li AIFM jitlob biex

[1] ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

[2] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.

jipparteċipa sakemm ikollu awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2011/61/UE, filwaqt li AIFM li l-awtorizzazzjoni tiegħu tkun ġiet irrevokata fuq talba tiegħu xorta waħda għandu jkun jista' jerġa' jipparteċipa skont id-Direttiva 2011/61/UE.

(6) Id-Direttiva 2011/61/UE tobbliga lill-Istati Membri sabiex japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu dik id-Direttiva mit-22 ta' Lulju 2013. Għaldaqstant anki l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hija differita għall-istess data.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Proċedura u kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni**

1. Maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFM) li jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE u li jagħżel li jipparteċipa skont dik id-Direttiva għandu jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu.

L-applikazzjoni għandha ssegwi l-istess proċedura stipulata fil-paragrafi 1 sa 5 tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/61/UE u fil-miżuri adottati fl-implimentazzjoni tagħha.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tista' teżenta AIFM imsemmi fil-paragrafu 1 milli jissottometti l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva, dejjem jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti eżenti diġà jkunu ġew ippreżentati lill-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva jew bħala parti mill-proċedura ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/65/KE u jekk dik l-informazzjoni u d-dokumenti jkunu għadhom aġġornati, xi ħaġa kkonfermata bil-miktub mill-AIFM.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tagħti awtorizzazzjoni billi tiġi segwita l-istess proċedura kif stipulat fil-paragrafu 1 sa 5 tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2011/61/UE.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mit-22 ta' Lulju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 448/2013

## tal-15 ta' Mejju 2013

## li jistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza ta' AIFM mhux mill-UE skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattament dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(14) tagħha,

Billi:

(1) Fis-sitwazzjoni msemmija fil-punti (b), (c)(i), (e), (f), u (g)(i) tal-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2011/61/UE, iktar minn Stat Membru wieħed jistgħu jitqiesu bħala l-Istat Membru ta' referenza possibbli ta' maniġer mhux mill-UE ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFMs) li beħsiebu jamministra fondi ta' investiment alternattivi (AIFs) tal-UE u skont kif jista' jkun il-każ, jew AIFs tas-suq ġestiti minnu fl-Unjoni. F'dawn il-każijiet, l-AIFM mhux mill-UE jrid jippreżenta talba lill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri biex jiddeterminaw l-Istat Membru ta' referenza tiegħu. It-talba għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha relevanti meħtieġa għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza għal dan l-AIFM. Għandha tiġi adottata deċiżjoni konġunta mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru ta' referenza. Jeħtieġ li tiġi stabbilita proċedura li trid tiġi segwita mill-awtoritajiet kompetenti relevanti meta jiddeterminaw l-Istat Membru ta' referenza. Filwaqt li l-għażla tal-Istat Membru ta' referenza hija r-responsabilità konġunta tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) imwaqqfa mir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2) għandha tiżgura li l-Istati Membri ta' referenza kollha possibbli jkunu involuti kif xieraq fit-teħid tad-deċiżjoni u għandhom jassistu biex jintlaħaq ta' ftehim.

(2) Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza hija differenti mill-proċedura għall-applikazzjoni għal passaport skont id-Direttiva 2011/61/UE. Ladarba l-Istat Membru ta' referenza jkun ġie ddeterminat, l-AIFM mhux mill-UE kkonċernat irid japplika għal awtorizzazzjoni mal-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru, billi jsegwi l-istess proċedura u soġġett għall-istess kundizzjonijiet li huma applikabbli għall-AIFMs skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2011/61/UE.

(3) Id-Direttiva 2011/61/UE tobbliga lill-Istati Membri sabiex japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu dik id-Direttiva mit-22 ta' Lulju 2013. Għaldaqstant, mingħajr ħsara għall-att iddelegat rikjest fl-Artikolu 67(6) tad-Direttiva 2011/61/UE, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament hija wkoll differita għall-istess data.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament hija konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza minn fost bosta Stati Membri ta' referenza possibbli**

1. Meta maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFM) mhux mill-UE li jkun beħsiebu jservi ta' maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi (AIFs) mill-UE bla ma jqiegħdhom fis-suq jew li jkun beħsiebu jqiegħed fis-suq AIFs immaniġġati minnu fl-Unjoni, jippreżenta talba biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru ta' referenza tiegħu skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2011/61/UE, dik it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tkun indirizzata lil kull waħda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li huma Stati Membri ta' referenza possibbli. It-talba għandha telenka l-Istati Membri ta' referenza possibbli kollha.

2. It-talba minn AIFM mhux mill-UE għandha tinkludi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa għad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza.

3. Fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 37(4)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE, dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandha tinkludi:

(a) indikazzjoni tal-Istati Membri fejn huma stabbiliti l-AIFs immaniġġati minn AIFM mhux mill-UE;

(b) indikazzjoni tal-Istati Membri fejn l-assi huma ġestiti minn AIFM mhux mill-UE;

(c) l-ammonti ta' assi mmaniġġati minn AIFM mhux mill-UE fl-Istati Membri differenti.

4. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (c)(i) tal-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2011/61/UE, dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandha tinkludi:

(a) indikazzjoni tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-AIF immaniġġat minn AIFM mhux mill-UE;

(b) indikazzjoni tal-Istati Membri fejn l-AIFM mhux mill-UE jkun beħsiebu jqiegħed l-AIF fis-suq.

(1) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.
(2) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

5. Fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (e) u (g)(i) tal-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2011/61/UE, dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandha tinkludi:

(c) indikazzjoni tal-Istati Memrbri fejn ikunu stabbiliti l-AIFs immaniġġati minn AIFM mhux mill-UE;

(d) deskrizzjoni tal-istrateġija għat-tqegħid is-suq li kapaċi turi l-intenzjoni tal-AIFM mhux mill-UE biex iqiegħed fis-suq ċertu AIF jew bosta AIFs fi Stat Membru partikolari jew f'bosta Stati Membri, u biex jiżviluppa tqegħid fis-suq effettiv fi Stati Membri partikolari, li tal-inqas tindika:

(i) l-Istati Membri fejn id-distributuri (u l-AIFM f'każ ta' awtodistribuzzjoni) ser ikunu qed jippromwovu unitajiet jew ishma ta' AIFs, li huma mmaniġġati mill-AIFM, inkluż is-sehem mistenni, f'termini ta' assi mmaniġġati, fil-promozzjoni globali fl-Unjoni;

(ii) stima tan-numru mistenni ta' investituri fil-mira b'residenza fl-Istati Membri fejn l-AIFM ikun beħsiebu jqiegħed l-AIFs tiegħu fis-suq;

(iii) il-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri li fihom ġew jew għandhom jiġu tradotti d-dokumenti tal-offerta u dawk promozzjonali;

(iv) id-distribuzzjoni tal-attivitajiet ta' tqegħid fis-suq bejn l-Istati Membri fejn l-AIFM ikun beħsiebu jqiegħed fis-suq l-AIFs tiegħu filwaqt li jikkunsidra l-prominenza u l-frekwenza partikolari tar-reklamar u r-road shows.

6. Fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 37(4)(f) tad-Direttiva 2011/61/UE, dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 5(b) ta' dan l-Artikolu.

7. L-awtoritajiet kompetenti indirizzati minn AIFM mhux mill-UE bħala awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri possibbli ta' referenza għandhom, mal-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u mhux iktar tard minn tliet ijiem tax-xogħol wara l-wasla tat-talba, jikkuntattjaw lil xulxin u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) biex jiddeċiedu jekk humiex involuti xi awtoritajiet kompetenti oħrajn fl-Unjoni skont l-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2011/61/UE.

Fuq talba tal-AETS, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-AETS minnufih bit-talba shiha li ssir minn AIFM mhux mill-UE.

8. Fejn jiġi deċiż li jistgħu jkunu involuti awtoritajiet kompetenti oħrajn fl-Unjoni, l-AETS għandha tgħarrafhom minnufih u tiżgura li tintbagħtilhom it-talba shiha li tkun saret minn AIFM mhux mill-UE.

9. Kull awtorità kompetenti involuta fil-proċedura u l-AETS jistgħu jitolbu mingħand AIFM mhux mill-UE informazzjoni u dokumentazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru ta' referenza.

Din it-talba għal iktar informazzjoni jew dokumentazzjoni għandha ssir bil-miktub, għandha tinkludi r-raġunijiet u għandha tiġi kkomunikata fl-istess ħin lill-awtoritajiet kompetenti kollha l-oħrajn u lill-AETS.

Ladarba l-awtorità kompetenti li tagħmel it-talba jew l-AETS jirċievu l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni addizzjonali, l-awtorità li tagħmel it-talba għandha tgħaddi dik l-informazzjoni jew dokumentazzjoni minnufih lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kollha l-oħrajn u lill-AETS, skont xi jkun il-każ.

10. Fi żmien ġimgħa minn meta l-awtoritajiet ikkonċernati jew, fejn xieraq, kwalunkwe awtoritajiet kompetenti oħrajn fl-Unjoni skont il-paragrafu 8, jirċievu t-talba msemmija fil-paragrafu 1 indirizzata mill-AIFM, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kollha għandhom jippreżentaw opinjoni lil xulxin u lill-AETS fir-rigward tad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza xieraq.

11. Sussegwentement, l-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom jiddeterminaw b'mod konġunt l-Istat Membru ta' referenza. Id-determinazzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn xahar wara li l-awtoritajiet kompetenti identifikati minn AIFM mhux mill-UE, jew l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn fl-Unjoni skont il-paragrafu 8, jirċievu t-talba mill-awtoritajiet kompetenti identifikati.

Meta tintalab informazzjoni addizzjonali, il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi estiż sabiex jinkludi l-perjodu bejn it-talba għal informazzjoni u dokumentazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 9 u l-wasla ta' dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni.

12. L-AETS għandha tassisti lill-awtoritajiet kompetenti relevanti u, fejn ikun hemm bżonn, tħaffef id-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' referenza skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

13. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li huwa ddeterminat bħala l-Istat Membru ta' referenza għandha tgħarraf bil-miktub u mingħajr dewmien żejjed lill-AIFM mhux mill-UE dwar dik id-determinazzjoni.

14. F'każ li l-AIFM mhux mill-UE li jagħmel it-talba ma jkunx mgħarraf bil-miktub fi żmien sebat ijiem dwar id-determinazzjoni jew l-awtoritajiet kompetenti relevanti ma jkunux iddeterminaw l-Istat Membru ta' referenza fi ħdan il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu, l-AIFM mhux mill-UE li jagħmel it-talba jista' jagħżel huwa stess l-Istat Membru ta' referenza tiegħu skont il-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 37(4) tad-Direttiva 2011/61/UE.

L-AIFM mhux mill-UE għandu jgħarraf bil-miktub minnufih lill-awtoritajiet kompetenti kollha li huwa kien oriġinarjament indirizza u lill-AETS dwar l-għażla li ħa dwar l-Istat Membru ta' referenza.

15. Meta l-Istat Membru ta' referenza magħżul minn AIFM mhux mill-UE u l-Istat Membru ta' referenza ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti jkunu differenti, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jgħarrfu lill-AIFM mhux mill-UE dwar id-determinazzjoni malajr kemm jista' jkun, iżda mhux iktar tard minn jumejn ta' xogħol wara li jkunu ġew mgħarrfa dwar l-għażla tal-AIFM skont il-paragrafu 14. F'dan il-każ, id-determinazzjoni għandha tirbaħ.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament japplika mit-22 ta' Lulju 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 449/2013

## tal-15 ta' Mejju 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 51,2 |
| | TN | 81,2 |
| | TR | 93,4 |
| | ZZ | 75,3 |
| 0707 00 05 | AL | 36,9 |
| | MK | 29,8 |
| | TR | 132,0 |
| | ZZ | 66,2 |
| 0709 93 10 | TR | 136,9 |
| | ZZ | 136,9 |
| 0805 10 20 | EG | 52,5 |
| | IL | 71,8 |
| | MA | 55,2 |
| | TR | 59,9 |
| | ZZ | 59,9 |
| 0805 50 10 | AR | 117,3 |
| | TR | 116,7 |
| | ZA | 96,3 |
| | ZZ | 110,1 |
| 0808 10 80 | AR | 124,0 |
| | BR | 93,1 |
| | CL | 117,9 |
| | CN | 95,9 |
| | MK | 43,1 |
| | NZ | 151,2 |
| | US | 192,6 |
| | ZA | 116,3 |
| | ZZ | 116,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 450/2013**

**tal-15 ta' Mejju 2013**

**li jistabbilixxi d-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Mejju 2013**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS") ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żrigħ), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żriegħ), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-konsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju għall-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi regolari l-prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni CIF għall-prodotti kkonċernati.

(3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 19 00, 1001 11 00, ex 1001 91 20 (qamħ komuni, għaż-żrigħ), ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żriegħ), 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju għall-importazzjoni huwa kkalkulat fuq il-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF ta' kull jum iddeterminat skont il-metodu speċifikat fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji għall-importazzjoni għall-perjodu li jibda mis-16 ta' Mejju 2013, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji għall-importazzjoni ġodda.

(5) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mis-16 ta' Mejju 2013, id-dazji għall-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament abbażi tal-informazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5.

*ANNESS I*

**Dazji għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-16 ta' Mejju 2013**

| Kodiċi NM | Isem tal-merkanzija | Dazju għall-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 19 00<br>1001 11 00 | QAMĦ durum ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| ex 1001 91 20 | QAMĦ komuni, għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 99 00 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, għajr dak għaż-żriegħ | 0,00 |
| 1002 10 00<br>1002 90 00 | SEGALA | 0,00 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żriegħ, għajr l-ibridi | 0,00 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM, għajr dak għaż-żriegħ [2] | 0,00 |
| 1007 10 90<br>1007 90 00 | SORGU tal-qamħ, għajr ibridi għaż-żriegħ | 0,00 |

(1) L-importatur jista' jibbenefika, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, minn tnaqqis fid-dazji ta':

— 3 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt ikun fil-Baħar Mediterran ('l hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċeani Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,

— 2 EUR/t, jekk il-port tal-ħatt jinsab fid-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja, fl-Isvezja, fir-Renju Unit jew fuq il-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika, jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

(2) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jiġu rrispettati.

*ANNESS II*

**Informazzjoni għall-kalkolu tad-dazji stipulati fl-Anness I**

1.5.2013-14.5.2013

(1) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

*(EUR/t)*

| | Qamħ komuni [1] | Qamħirrum | Qamħ durum kwalità għolja | Qamħ durum, ta' kwalità medja [2] | Qamħ durum ta' kwalità baxxa [3] |
|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 242,77 | 195,50 | — | — | — |
| Prezz FOB l-Istati Uniti tal-Amerika | — | — | 251,21 | 241,21 | 221,21 |
| Primjum tal-Golf | — | 26,75 | — | — | — |
| Primjum tal-Għadajjar il-Kbar | 30,49 | — | — | — | — |

(1) Primjum pożittiva ta' EUR 14/t inkorporat (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).
(2) Skont ta' EUR 10/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).
(3) Skont ta' EUR 30/t (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

(2) Il-kwantitajiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku — Rotterdam: 16,38 EUR/t

Spejjeż għat-trasport: L-Għaddajjar il-Kbar — Rotterdam: 50,28 EUR/t

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 521/12/COL

## tad-19 ta' Diċembru 2012

## biex tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-għajnuna mill-Istat mibdija bid-Deċiżjoni Nru 363/11/COL fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat lil tliet banek ta' investiment tal-Islanda permezz ta' self skedat mill-ġdid b'termini preferenzjali (L-Islanda)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA ("l-Awtorità"),

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 61 u l-Protokoll 26,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja ("il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), u b'mod partikolari l-Artikolu 24,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti ("il-Protokoll 3"), b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tal-Parti I u l-Artikoli 4(4) u 6 tal-Parti II,

WARA li talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawk id-dispożizzjonijiet ([1]), u wara li tqiesu l-kummenti tagħhom,

Billi:

### I. IL-FATTI

### 1 Proċedura

(1) B'ittra datata t-22 ta' Ġunju 2010, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") rċeviet ilment mingħand ditta tat-titoli tal-Islanda H.F. Verðbréf hf. li allegat li t-Teżor tal-Islanda f'Marzu 2009 kien ta għajnuna illegali mill-Istat lill-banek ta' investiment Saga Capital u VBS permezz tal-konverżjoni ta' dejn fuq perjodu qasir mal-Bank Ċentrali tal-Islanda ("is-CBI") għal self fit-tul fuq termini favorevoli. L-Awtorità rċeviet u reġistrat l-ittra fis-7 ta' Lulju 2010 (l-Avveniment Nru 563424).

(2) Wara li rċeviet l-informazzjoni rilevanti mingħand l-awtoritajiet Islandiżi u wara li ddiskutiet il-każ magħhom f'laqgħa fis-6 ta' Ġunju 2011, l-Awtorità ddeċidiet bid-Deċiżjoni Nru 363/11/COL tat-23 ta' Novembru 2011 ([2]) li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat lil tliet banek Islandiżi ta' investiment permezz ta' self skedat mill-ġdid b'termini preferenzjali ([3]). Permezz ta' din id-Deċiżjoni, l-Awtorità talbet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom. Permezz ta' ittra datata l-21 ta' Frar 2012 (Avveniment Nru 625875), l-awtoritajiet Islandiżi ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 363/11/COL.

(3) F'Ġunju 2012 l-Awtorità rċeviet informazzjoni mingħand l-ilmentatur, H.F. Verðbréf hf., fir-rigward tal-proċess tal-istralċ ta' Saga Capital hf. (l-Avveniment Nru 641907). L-Awtorità rċeviet ukoll tagħrif dwar din il-kwistjoni minn sorsi oħra u segwiet mill-qrib il-proċess tal-istralċ ta' banek ta' investiment li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni Nru 363/11/COL.

### 2 Deskrizzjoni tal-miżuri

#### 2.1 *Is-self kollaterali u l-iskema tas-self ta' titoli tas-CBI*

(4) Il-miżuri li kienu taħt valutazzjoni preliminari fid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 363/11/COL huma marbuta mas-self kollaterali u mal-iskema tas-self ta' titoli tas-CBI. Is-CBI, bħala parti mir-rwol tiegħu bħala bank ċentrali u bħala sellief tal-aħħar istanza u f'konformità mal-politika monetarja ta' banek ċentrali oħra, ipprovda faċilitajiet ta' kreditu fuq perjodu qasir lill-impriżi finanzjarji fil-forma

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 363/11/COL tat-23.11.2011 sabiex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat mogħtija lil tliet banek ta' investiment tal-Islanda permezz ta' self skedat mill-ġdid b'termini preferenzjali ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-26.1.2012, ĠU C 21, p. 2 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 4, 26.1.2012, p. 8.

([2]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1 hawn fuq għar-referenzi tal-pubblikazzjoni.

([3]) Ara l-paragrafi 2-6 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 363/11/COL.

ta' self kollaterali ([4]), skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli tas-CBI li jappartjenu lilu. Fl-2007 u l-2008 is-self kollaterali żdied b'mod stabbli u s-CBI sar is-sors ewlieni ta' likwidità tal-impriżi finanzjarji. Fiż-żmien ta' kollass finanzjarju tat-tliet banek kummerċjali Islandiżi f'Ottubru 2008, is-CBI kien xtara diversi pretensjonijiet konsiderevoli kontra impriżi finanzjarji domestiċi, li kienu sostnuti minn kollataral ta' tipi varji.

(5) Minħabba l-kollass tal-banek, il-valur tal-kollateral naqas u deher ċar li s-CBI kien ġarrab telf minħabba f'kollateral bla bażi soda. Wara li l-Parlament kien ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, it-Teżor u s-CBI ikkonkludew ftehim f'Jannar 2009, li skontu s-CBI assenja parti mill-pretensjonijiet tiegħu ta' self kollaterali kontra l-impriżi finanzjarji, flimkien ma' sigurtajiet sottostanti, lill-Ministeru tal-Finanzi. Fi Frar 2010 il-Ministeru u s-CBI qablu li l-pretensjonijiet li kienu ġew trasferiti qabel mis-CBI lill-Ministeru għandhom jiġu ttrasferiti lura lil Eignarhaldsfélag Seðlabanka Íslands (ESÍ), kumpanija azzjonarja tas-CBI stabbilita dan l-aħħar, bi prezz imnaqqas mill-31 ta' Diċembru 2009.

(6) Il-Ġestjoni tad-Dejn tal-Gvern (GDM), li hija amministrata mis-CBI, toffri faċilitajiet ta' self lil negozjanti primarji tat-titoli tal-istat. L-għan ta' dan is-self ta' titoli huwa biex titjieb il-funzjonalità tas-suq u biex tinżamm il-likwidità fis-suq għas-serje ta' titoli li l-GDM qed jibni. It-titoli aċċettati mill-GDM bħala kollateral għal Bonds u Kambjali tat-Teżor huma kollha bonds tal-gvern u bonds ipotekarji ta' riferenza negozjabbli b'mod elettroniku fis-suq sekondarju. Titoli oħra negozjabbli elettronikament jistgħu jiġu aċċettati wkoll skont il-kriterji speċifikati fil-faċilità. Ir-rata tal-imgħax għal dan is-self hija bbażata fuq ir-rata repo tas-CBI. Il-perjodu massimu tal-kuntratt huwa ta' 28 jum ([5]).

### 2.2 *Konverżjoni ta' faċilitajiet ta' kreditu fuq perjodu qasir għal self fit-tul*

(7) F'Marzu 2009, il-Ministeru tal-Finanzi kkonkluda ftehimiet tal-konverżjoni ta' self ma' Saga Capital Investment Bank hf., VBS Investment Bank hf. u ma' Askar Capital Investment Bank hf. Il-ftehimiet ta' self ġew konklużi kollha b'termini simili. L-ammonti ta' self kienu bbażati fuq is-soluzzjoni tal-obbligi rispettivi f'Diċembru 2008. Il-kondizzjonijiet dwar il-ħlas lura tas-self lil Saga u lil VBS kienu identiċi. Dan is-self kien rimborsabbli matul is-seba' snin ta' wara b'metodu ta' indiċjar u rata tal-imgħax ta' 2 % fis-sena. Il-kondizzjonijiet dwar il-ħlas lura tas-self li Askar Capital kienu simili, ħlief li f-rata ta' imgħax annwali kienet ta' 3 %. L-ammont nominali totali ta' dejn li jista' jiġi attribwit lit-tliet banek ta' investiment, fiż-żmien tal-ħruġ ta' bonds fit-tul, kien ta' ISK 52,4 biljun ([6]).

(8) Il-miżuri msemmija qabel kienu bbażati fuq il-proposti ta' Grupp ta' Ħidma li fl-20 ta' Jannar 2009 ippreżenta memorandum lill-Ministru tal-Finanzi għar-ristrutturar ta' dejn dovut minn impriżi finanzjarji minħabba faċilitajiet ta' self kollaterali mas-CBI. Il-memorandum kien ibbażat fuq informazzjoni li tirrigwarda l-impriżi finanzjarji u l-ħila tagħhom biex iħallsu lura d-dejn. Skont il-memorandum, l-impriżi finanzjarji inkwistjoni ma kinux kapaċi jħallsu d-djun tagħhom mis-CBI b'mod sħiħ minħabba l-implikazzjonijiet tal-kollass finanzjarju fl-Islanda. Il-memorandum tal-Grupp ta' Ħidma tal-Ministru jiddikjara wkoll li f'dak iż-żmien, l-apparat kollu tal-awtoritajiet Islandiżi kienu mħassba billi kienu qed jipprovaw iżommu s-sistema finanzjarja tal-pajjiż taħdem u kienu qed jipproteġu l-interess tad-detenturi tad-depożitu. Filwaqt li dan ġie kkunsidrat, flimkien ma' kunsiderazzjonijiet oħra, inħasset il-ħtieġa li jsiru ċerti arranġamenti sabiex jiġi żgurat li l-impriżi jkunu kapaċi jħallsu d-djun tagħhom.

(9) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, id-deċiżjoni dwar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-interess ma kinux iċċentrati fuq kif għandu jkun ambjent ġust u bi qligħ normali fuq l-ekwità, billi kien jidher ċar minn qabel li l-impriżi inkwistjoni aktarx li ma kinux se jħallsu lura bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet inkwistjoni. Minflok, il-Grupp ta' Ħidma kien iffoka fuq is-sejba ta' perċentwal ta' imgħax għoli biżżejjed sabiex ikun sinifikattiv għall-impriża inkwistjoni iżda mhux daqshekk għoli biex jipprekludi lil din tal-aħħar il-possibbiltà għal ħlas lura, għalhekk ġie eliminat l-inċentiv għal dawn l-intrapriżi biex jirristrutturaw il-finanzi tagħhom.

(10) L-awtoritajiet Islandiżi madankollu ffissaw ċerti kondizzjonijiet għall-konverżjoni tad-dejn. Skont il-kondizzjonijiet id-debitur kien fost l-oħrajn obbligat li ma jħallasx dividendi, sakemm ma kienx hemm ħlas parzjali korrispondenti fuq is-self, id-debitur ma setax jidħol f'xi impenn b'riskju ewlieni li kien jaqbeż l-20 % ta' ekwità (CAD), kull bonus għad-debituri impjegati kellu jkun moderat, id-debituri kienu obbligati li jipprovdu s-sellief b'rapporti dettaljati ta' kull tliet xhur dwar l-operazzjonijiet tagħhom u l-proporzjonijiet tas-CAD tad-debituri ma setgħux jinżlu għal anqas minn 10 %. Fil-każ li l-qagħda tal-likwidità tad-debituri tkun inaċċettabbli fil-fehma tas-CBI jew jekk il-proporzjonijiet tas-CAD tagħhom ikunu niżlu inqas minn 10 %, is-sellief ikun jista' jesiġi li l-ammont pendenti tas-self flimkien ma' imgħax u ma' spejjeż oħra rilevanti jkunu kkonvertiti f'ekwità. L-għan ta' dawk il-kondizzjonijiet kien li jżid il-probabbiltà ta' rkupru sħiħ tas-self biex b'hekk ikun protett l-interess tat-Teżor.

(11) Għal deskrizzjoni iktar dettaljata tal-miżuri, wieħed għandu jirreferi għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 363/11/COL ([7]).

([4]) Self kollaterali jissejjaħ ukoll self repo, fejn repos jew ftehim ta' xiri mill-ġdid huma kuntratti li fihom il-bejjiegħ ta' titoli, bħalma huma l-kambjali tat-teżor, jaqbel li jixtrihom lura fi żmien speċifiku kif ukoll bi prezz speċifiku.

([5]) Għal aktar dettalji ara r-Regoli dwar il-faċilitajiet ta' self ta' titoli tal-Bank Ċentrali tal-Islanda f'isem it-Teżor għal negozjanti primarji datati t-28 ta' Novembru 2008, li jinsabu fuq: http://www.lanamal.is/assets/nyrlanasysla/regluren08.pdf

([6]) Aktar dettalji dwar il-ftehimiet ta' self huma stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru. 363/11/COL, il-paragrafi 11-27.

([7]) B'mod partikolari, it-taqsima 2.2 tad-Deċiżjoni.

2.3 *L-għan tal-miżura u l-bażi legali nazzjonali tagħha*

(12) L-awtoritajiet Islandiżi qiesu li l-għan tal-miżuri kien maqsum fi tnejn; l-ewwel, li jipprova jiżgura l-interessi immensi tal-Istat billi jiġi massimizzat l-irkupru tal-pretensjonijiet tat-Teżor, u, t-tieni, biex l-intrapriżi finanzjarji jingħataw iż-żmien u l-possibbiltà li jsolvu l-problemi tagħhom u jegħlbu d-diffikultajiet.

(13) Il-miżuri kienu bbażati fuq awtorizzazzjoni mill-Parlament Islandiż fil-paragrafu 7.20 tal-baġit supplimentari tal-istat għas-sena 2008, fejn il-Ministru tal-Finanzi, f'isem it-Teżor, kien awtorizzat li jixtri mingħand il-Bank Ċentrali tal-Islanda dokumenti kummerċjali li kienu mwiegħda lill-bank bħala garanziji għas-self kif ukoll biex jissolvew dawn ir-rikjesti bl-aktar mod vijabbli possibbli.

2.4 *Il-benefiċjarji*

(14) Kif imsemmi qabel it-tliet benefiċjarji għall-miżuri msemmija qabel kienu Saga Capital Investment Bank hf., VBS Investment Bank hf. u Askar Capital Investment Bank hf. Għal deskrizzjoni aktar dettaljata tat-tliet benefiċjarji u żviluppi sussegwenti dwar l-operazzjonijiet tagħhom, wieħed għandu jirreferi għat-taqsimiet 2.5 u 2.6 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 362/11.COL.

### 3 **Raġunijiet biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali**

(15) Fid-Deċiżjoni Nru 363/11/COL, l-Awtorità eżaminat preliminarjament jekk il-miżuri tat-Teżor biex jiġu kkonvertiti l-pretensjonijiet fuq perjodu qasir għal self fit-tul fuq termini favorevoli kinux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE. Madankollu peress li l-involviment tal-Istat bħala kreditur ewlieni lill-intrapriżi kkonċernati ġie minn miżuri preċedenti, jiġifieri mis-self kollaterali tas-CBI u s-self ta' titoli, kien meħtieġ li jitqies jekk dawk il-miżuri kinux possibbilment jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(16) Għalhekk l-Awtorità bdiet il-valutazzjoni tagħha billi analizzat is-CBI mis-self kollaterali fuq perjodu qasir għall-intrapriżi finanzjarji. L-awtoritajiet Islandiżi kienu enfasizzaw li l-faċilitajiet ta' kreditu kkonċernati fuq perjodu qasir jappartjenu lil miżuri ta' politika monetarja u tas-suq finanzjarju regolari tas-CBI u lill-ġestjoni tad-dejn tal-gvern regolari tat-Teżor. L-Awtorità ma kkontestatx li dawn il-miżuri kienu jappartjenu lil politika monetarja u ta' ġestjoni tad-dejn tal-gvern u li dawn kienu bbażati fuq regoli relevanti fuqhom ([8]). Il-miżuri ttieħdu fuq l-inizjattiva tal-impriżi finanzjarji konċernati u s-CBI, dak iż-żmien, ma kellux l-appoġġ ta' xi kontrogaranzija mill-Istat. Għalhekk l-Awtorità kkonkludiet li s-self kollaterali tas-CBI fuq perjodu qasir għall-impriżi finanzjarji u l-faċilitajiet ta' self tat-Teżor fuq perjodu qasir ma kinux jinvolvu għajnuna mill-Istat.

(17) Madankollu, fil-fehma preliminari tal-Awtorità, il-ftehimiet ta' konverżjoni ta' self tat-Teżor kienu jammontaw għal għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. L-aspetti li ġejjin kienu identifikati fid-deċiżjoni biex jingħata bidu għal proċedura ta' investigazzjoni formali:

i) L-Awtorità kkonkludiet li l-miżuri ngħataw b'mod ċar permezz ta' riżorsi tal-Istat peress li s-self kien ingħata mill-Ministeru tal-Finanzi fuq il-bażi tal-awtorizzazzjoni prevista fil-baġit tal-Istat.

ii) L-Awtorità sabet li l-miżuri taw vantaġġi kummerċjali lit-tliet banek ta' investiment peress li ma kellhomx iħallsu imposti, fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax u spejjeż oħra assoċjati ma' faċilitajiet ta' kreditu fuq perjodu qasir tas-CBI, li normalment kien ikollhom iħallsu mill-bagits tagħhom. L-Awtorità espremiet ukoll dubju dwar jekk il-miżuri kinux konsistenti mal-imġiba ta' kreditur privat f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli, minħabba l-kundizzjonijiet favorevoli ta' rimbors tas-self u l-fatt li ma kinux jipprevedu titjib tar-rati tal-imgħax f'każ ta' titjib fil-kundizzjoni finanzjarja tad-debituri.

iii) Rigward is-selettività, l-Awtorità kkonkludiet li l-miżuri ma setgħux jitqiesu bħala ta' natura ġenerali, peress li kienu jiffavorixxu tliet impriżi f'settur ekonomiku partikolari wieħed u impriżi oħra u setturi ma kinux jibbenefikaw minnhom. Il-miżuri għalhekk ikollhom jiġu kkunsidrati bħala selettivi ([9]). Barra minn hekk l-awtoritajiet Islandiżi ma kinux ressqu evidenza ċara li l-ftehimiet dwar il-konverżjoni ta' self favorevoli kienu saru effettivament disponibbli għall-impriżi kollha f'sitwazzjoni legali u fattwali kumparabbli bħal Saga Capital, VBS u Askar Capital.

iv) Fl-aħħar nett, l-Awtorità kkonkludiet li l-miżuri kienu kapaċi jfixklu l-kompetizzjoni. Minkejja li l-banek tal-investiment ikkonċernati kienu joperaw l-aktar fis-suq Islandiż u kienu ta' daqs pjuttost żgħir, dawn kienu minkejja kollox involuti fid-dispożizzjoni tas-servizzi finanzjarji li kienu kompletament miftuħa għall-kompetizzjoni u l-kummerċ fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

(18) Barra minn hekk, l-Awtorità kellha dubji dwar jekk l-għajnuna mill-Istat setgħetx titqies bħala kumpatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE. L-awtoritajiet Islandiżi kienu rreferew għall-Artikolu 61(3) taż-ŻEE u għal-linji gwida għall-għajnuna tas-salvataġġ u tar-ristrutturar bħala sostenn għall-argument tagħhom li l-miżura kienet kompatibbli mal-Ftehim. L-awtoritajiet Islandiżi madan-

([8]) Dawn ir-regoli ġew sostitwiti fis-26 ta' Ġunju 2009 mir-Regoli Nru 553 dwar l-istess suġġett (attwalment ir-regoli applikabbli).

([9]) Ara pereżempju l-Kawża C-75/97 *Il-Belġju v. Il-Kummissjoni (Maribel bis/ter)* [1999] ECR I-3671, kif ukoll is-sentenza reċenti fil-kawżi konġunti C-106/09 P u C-107/09 P *Il-Kummissjoni v. Government of Gibraltar*, li għadha ma ġietx rappurtata, il-paragrafu 75.

kollu
ma taw l-ebda evidenza favur il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura skont l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE jew il-linji gwida temporanji dwar l-għajnuna mill-Istat rigward il-kriżi finanzjarja. L-Awtorità saħqet li r-regoli temporanji dwar għajnuna lill-impriżi finanzjarji jipprovdu għal-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu neċessarju, għar-restawr tal-vijabbiltà fit-tul tal-bank u għas-salvagwardji kontra t-tgħawwiġ mhux mistħoqq tal-kompetizzjoni. B'mod partikolari, il-linji gwida jistabbilixxu regoli biex tiġi żgurata rimunerazzjoni xierqa u adegwata għar-rikapitalizzazzjoni mill-Istat [10]. It-termini dwar il-ħlas lura ta' self ipprovdut mill-Istat dehru li ma kinux jikkunsidraw dawn il-prinċipji. Is-self kien ingħata bi ħlas lura ta' perjodu ta' seba' snin, b'metodu ta' indiċjar, u b'rati fissi tal-imgħax ta' 2 % fis-sena, li kien ħafna taħt ir-rati tas-suq u ma kien previst l-ebda titjib tar-rati tal-imgħax biex jinkoraġġixxi t-tifdija tal-kapital tal-Istat. Fid-dawl ta' dan, l-Awtorità kkonkludiet li t-termini ta' self ta' dan it-tip ma kinux kompatibbli mal-linji gwida tal-Awtorità dwar l-għajnuna mill-Istat.

## 4 Kummenti mill-awtoritajiet Islandiżi

(19) Il-kummenti tal-awtoritajiet Islandiżi huma ffukati fuq il-fehma tagħhom li l-miżuri kienu kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE. Fil-fehma tagħhom il-miżuri ma kinux selettivi billi ċ-ċirkostanzi tat-tliet banek ta' investiment kienu uniċi u banek oħra, bħal Straumur, SPB u SPRON, ma kinux f'sitwazzjoni simili bħal dik tat-tliet banek ta' investiment. Xi istituzzjonijiet bankarji oħra kienu diġà naqsu mill-obbligi tagħhom kontra l-kredituri tagħhom saż-żmien li kienu saru l-ftehimiet dwar il-konverżjoni ta' self u l-isforzi ta' riorganizzazzjoni tagħhom kienu tant sostanzjali li l-konverżjoni tad-djun mas-CBI ma kinitx tkun fattur sinifikanti fir-ristrutturar finanzjarju tagħhom. L-awtoritajiet Islandiżi sostnew ukoll li d-deċiżjonijiet tagħhom biex jikkonvertu s-self kienu skont il-prinċipju tal-kreditur privat peress li kull kreditur, fl-istess pożizzjoni li kien fiha l-Istat Islandiż f'dak iż-żmien, kien jaġixxi bl-istess mod.

(20) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Islandiżi pprovdew informazzjoni dwar l-istatus attwali tat-tliet banek ta' investiment u l-iżviluppi li seħħew minn meta l-Awtorità ħarġet id-Deċiżjoni Nru 363/11/COL [11].

(21) Fid-dawl tal-fatt li t-tliet benefiċjarji kienu waqqfu kull attività ekonomika billi ġiet ippubblikata d-Deċiżjoni Nru 363/11/COL u, b'referenza għall-prattika stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità dwar il-kwistjoni li ssegwi l-klassifikazzjoni ta' miżuri f'ċirkostanzi korrispondenti u l-valutazzjoni tal-kompatibilità tagħhom [12], l-awtoritajiet Islandiżi sostnew li ma kien hemm l-ebda raġuni biex l-Awtorità tkompli ssegwi l-kwistjoni.

## II. VALUTAZZJONI

(22) L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE huwa kif ġej:

*"Bla ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan il-Ftehim, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, lill-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal biex ixxekkel jew thedded li xxekkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti, safejn tolqot il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim."*

(23) Dan jimplika li biex miżuri jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, iridu jinvolvu għotja mill-Istat jew għotja permezz ta' riżorsi tal-Istat, jagħtu vantaġġ lill-impriża destinatarja, jkunu selettivi, jkunu jfixklu l-kompetizzjoni u jkunu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

(24) Kif ġie nnutat qabel, l-Awtorità, fid-Deċiżjoni Nru 363/11/COL, b'mod preliminari kkonkludiet li l-miżuri li qed jiġu vvalutati, jiġifieri l-konverżjoni ta' faċilitajiet ta' kreditu fuq perjodu qasir għal self fit-tul, kienu jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE u għalhekk kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, ma kien hemm xejn li jissuġġerixxi li l-miżuri kienu kompatibbli la mad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE u lanqas mal-linji gwida temporanji dwar l-għajnuna mill-Istat rigward il-kriżi finanzjarja. L-Awtorità fil-kors tal-investigazzjoni ma rċeviet l-ebda informazzjoni li tkun tista' tibdel din l-opinjoni preliminari. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Islandiżi ma kinux innotifikaw il-miżuri ta' għajnuna koperti mid-Deċiżjoni tal-ftuħ lill-Awtorità qabel l-implimentazzjoni tagħhom. Billi ma għamlux dan, huma ma rrispettawx l-obbligu tan-notifika tagħhom skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3. L-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri ta' għajnuna għalhekk kienet illegali. Minkejja dan l-Awtorità għandha madankollu tikkalkula jekk hemmx raġuni għaliha li tkompli bil-kwistjoni.

(25) Kif diġà ġie nnutat fid-Deċiżjoni Nru 363/11/COL, Askar Capital Investment Bank hf. kien diġà ġarrab telf sinifikanti mill-investimenti tiegħu fl-2007, fi prodotti ta' kreditu strutturati (sub-prime) b'ipoteka tal-Istati Uniti

[10] Ara per eżempju l-linji gwida dwar ir-Rikapitalizzazzjoni tal-Awtorità li jinsabui fuq: http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=16015&1=1

[11] L-Awtorità aktar tard irċieviet informazzjoni korrispondenti mingħand l-ilmentatur (l-Avveniment Nru 641907).

[12] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-miżuri tal-għajnuna implimentati minn Spanja għal *IZAR*, il-Kawża C 47/2003, ĠU 2008, L 44, p. 33, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2005 dwar il-miżuri implimentati minn Franza għall-*Mines de potasse d'Alsace*, il-Każ C 53/2000, ĠU 2006 L 86, p. 20 u deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tas-27 ta' Mejju 2009 dwar *għajnuna allegatament illegali lill-impriża NordBook AS*, il-Kawża 245/09/COL, ĠU L 282, 29.10.2009, p. 41.

tal-Amerika bħala assi sottostanti. Il-Bank iffaċċja diffikultajiet sahansitra akbar f'Ġunju 2010 meta l-Qorti Suprema tal-Islanda ddeċidiet li s-self f'valuta barranija kien illegali. Il-bank eventwalment iddikjara stat ta' falliment fl-14 ta' Lulju 2010 u ttieħed mill-Awtorità Superviżorja Finanzjarja ("l-FME") fl-istess ġurnata. Skont l-informazzjoni sottomessa aktar tard lill-Awtorità, il-bank attwalment jinsab fil-proċess ta' stralċ u waqqaf kull attività ekonomika.

(26) Kif ġie nnutat ukoll fid-Deċiżjoni 363/11/COL, il-qagħda finanzjarja ta' VBS Investment Bank hf. iddeterjorat sostanzjalment wara negozjati bla suċċess bejn il-bank u l-kredituri u l-azzjonisti tiegħu, u, sussegwentement, fl-2010 il-kredituri tal-bank waqqfu n-negozjati kollha. Bid-Deċiżjoni tat-3 ta' Marzu 2010, l-FME ħatret lil VBS bħala bord provviżorju ta' Diretturi, u permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Reykjavik fid-9 ta' April 2010, tnediet proċedura ta' stralċ għal VBS, skont l-Artikolu 101 tal-Att Nru 161/2002 dwar l-impriżi finanzjarji. Il-liċenzja operattiva tal-bank issa ġiet revokata minħabba l-fatt li l-bank huwa għaddej minn proċedura ta' stralċ.

(27) Il-liċenzja operattiva ta' Saga Capital ġiet revokata permezz ta' deċiżjoni tal-FME tat-28 ta' Settembru 2011. Sussegwentement, l-FME talbet li titnieda proċedura ta' stralċ għal Saga Capital u li jinħatar bord ta' stralċ. Il-Qorti Distrettwali tal-Grigal tal-Islanda, b'deċiżjoni tas-16 ta' Mejju 2012, ssodisfat it-talbiet tal-FME u ddikjarat li Saga Capital għandha tgħaddi minn proċedura ta' stralċ. Fl-14 ta' Ġunju 2012, il-Qorti Suprema tal-Islanda kkonfermat din id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tal-FME li tirrevoka l-liċenzja operattiva ta' Saga Capital ġiet ikkonfermata minn deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Reykjavík, bid-data tal-5 ta' Marzu 2012. Id-deċiżjoni tal-Qorti Distrettwali ta' Reykjavík ġiet appellata fil-Qorti Suprema. Madankollu, il-bank waqqaf l-operazzjonijiet ta' liċenzjar kollha minħabba l-fatt li l-liċenzja tal-operat tiegħu bħala istituzzjoni finanzjarja ġiet irtirata.

(28) Għalhekk huwa ċar li t-tliet banek ta' investiment inkwistjoni issa waqqfu kull attività ekonomika, il-liċenzji operattivi tagħhom ġew revokati, jinsabu għaddejjin minn proċedura ta' stralċ u l-limitu ta' żmien biex jitressqu rikjesti fil-konfronti tagħhom skada. [13] Jekk kienet ingħatat għajnuna mill-Istat lill-banek ta' investiment, l-għajnuna m'għadhiex tipproduċi effetti ta' tgħawwig, u jekk ingħatat għajnuna illegali, l-irkupru ta' dik l-għajnuna kien ikun impossibbli. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, deċiżjoni mill-Awtorità dwar il-klassifikazzjoni bħala għajnuna tal-miżuri kkonċernati u l-kompatibilità tagħhom mal-Ftehim taż-ŻEE ma jkollha l-ebda effett prattiku. [14]

(29) It-tkomplija l-proċedura ta' investigazzjoni formali mibdija skont l-Artikolu 1 (2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti għalhekk sservi l-ebda skop utli.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija lil tliet banek ta' investiment tal-Islanda permezz ta' self skedat mill-ġdid b'termini preferenzjali hija b'dan magħluqa.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Islanda.

*Artikolu 3*

L-unika verżjoni awtentika ta' din id-Deċiżjoni hija dik bil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| Oda Helen SLETNES | Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON |
|---|---|
| *President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

[13] Għandu jiġi nnotat li l-limitu ta' żmien biex jiġu affermati pretensjonijiet mal-bordijiet tal-istralċ tat-tliet banek skada: skont l-Artikolu 85 tal-Att Nru 21/1991 dwar il-Falliment, il-perjodu biex jitressqu rikjesti għandu ġeneralment ikun ta' xahrejn, iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali t-trustee jista' jiddeċiedi fuq perjodu minn tliet xhur sa massimu ta' sitt xhur sħaħ. Ikun xi jkun it-tul ta' żmien, il-perjodu li fih għandhom jiġu ddikjarati rikjesti għandu jibda meta l-avviż lill-kredituri huwa ppubblikat għall-ewwel darba, u dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fl-avviż. Għalhekk, deċiżjoni mill-Awtorità li tordna l-irkupru ta' għajnuna inkompatibbli, tkun f'dan il-każ inutli. Madankollu, minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Islandiżi ma ħarsux l-obbligu tan-notifika tagħhom skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 SCA, l-Awtorità ma kinetx f'pożizzjoni li tibda l-investigazzjoni tal-miżuri qabel bid-Deċiżjoni tagħha 363/11/COL, jiġifieri f'Novembru 2011. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità tistenna li l-bejgħ tal-assi tat-tliet banek ta' investiment isir fuq termini tas-suq u f'konformità mar-regoli ġenerali applikabbli fi proċeduri ta' falliment.

[14] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-miżuri tal-għajnuna implimentati fi Spanja għal *IZAR*, il-Każ C 47/2003, ĠU 2008 L 44, p. 33 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2005 dwar il-miżuri implimentati minn Franza għall-*Mines de potasse d'Alsace*, il-Każ C 53/2000, ĠU L 86, p. 20.

## AVVIŻ LILL-QARREJJA

**Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta'** ***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT